**FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR**

**Gudikatur: Dr. Philip M. Magri LL.D; M.A. (Fin.Serv); M.Phil (Melit)**

**Seduta ta' nhar il-Gimgha, 11 ta' Gunju, 2021**

**Talba Nru: 302/2020PM1**

**Austin Zammit (ID Nru. 411575(M)**

**Vs**

**Floriana Local Council**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz fl-ismijiet premessi pprezentat fit-tletin (30) ta' Novembru, 2020 permezz ta' liema, ghar-ragunijiet hemmhekk premessi, l-attur talab li l-konvenut jigi dikjarat responsabbli ghall-incident li sehh nhar is-7 ta' Settembru, 2018 fi Triq Sa Maison Floriana u konsegwentement jigi kkundannat ihallas id-danni ikkagunati lill-istess attur fl-ammont ta' tlett elef, tmin mija u hamsa u tletin euro u zewg centezmi (€3835.02) kawza tal-incident in kwistjoni ; bl-ispejjez u bl-imghax legali kontra l-intimat Kunsill Lokali Floriana ingunt in subizzjoni.

Ra d-dokumenti ezebiti mal-istess avviz a sostenn tat-talba.

Ra r-risposta tal-Kunsill Lokali konvenut li, permezz taghha eccepixxa li t-talbiet attrici ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra l-istess attur stante:

1. Illi t-talbiet attrici huma preskritti ai termini tal-art. 2152 tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta
2. Il-Kunsill konvenut ma kien bl-ebda mod responsabbli ghall-allegat incident.
3. Salv eccezzjonijiet ohra.

Ra n-nota tal-attur datata 28 t'April, 2020 li permezz taghha gie dikjarat li l-istess attur kien qieghed jistrieh fuq AL 61 tas-sena 2020, AL 65 tas-sena 2020, AL 82 tas-sena 2021 u AL230 tas-sena 2020 fir-rigward tal-eccezzjoni preliminari tal-preskrizzjoni.

Ra li waqt is-seduta tat-28 ta' Mejju, 2021 l-avukati difensuri tal-partijiet iddikjaraw li m'ghandhomx provi xi jressqu fir-rigward tal-eccezzjoni preliminari tal-preskrizzjoni.

Sema t-trattazzjoni bil-fomm tal-avukati difensuri tal-partijiet.

Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.

Ra li l-kawza baqghet differita ghas-sentenza ghas-seduta tal-lum u dana fir-rigward tal-eccezzjoni preliminari tal-preskrizzjoni.

**Ikkunsidra**

Illi permezz tal-kawza odjerna l-attur qieghed jitlob kumpens ghal danni allegatament sofferti minnu bhala konsegwenza ta' incident datat 7 ta' Settembru, 2018. Da parti tieghu il-Kunsill Lokali intimat wiegeb billi eccepixxa l-preskrizzjoni a tenur tal-art. 2153 tal-**Kodici Civili**.

Illi permezz ta' nota datata 28 t' April, 2021 l-attur iddikjara li, fir-rigward tal-eccezzjoni preliminari tal-preskrizzjoni, huwa kien qieghed jistrieh fuq l-AL 61 tal-2020, 65 tal-2020, 82 tal-2020 u 230 tal-2020.

Illi fir-rigward tal-**A.L. 61 tal-2020 (Ordni tal-2020 dwar l-Epidemiji u Mard Infettiv (Sospensjoni ta' Ħinijiet Ġudizzjarji u Legali)** l-art. 3 jipprovdi testwalment is-segwenti:

> *3.(1) Meta s-Supritendent tordna l-għeluq tal-qrati kollha jew ta' kwalunkwe qorti għall-fini ta' ħarsien kontra u, jew ta' kontroll ta' epidemiji perikolużi jew mard infettiv, tali ordni għandha **tissospendi ż-żmien ta' kwalunkwe ħinijiet legali u ġudizzjarju u ta' kwalunkwe limitu ta' żmien ieħor** inkluż żminijiet perentorji applikabbli għall-proċedimenti jew proċeduri oħra quddiem l-imsemmija qrati. Is-sospensjoni għandha ddum sa sebat (7) ijiem wara t-tneħħija tar-revoka ta' kwalunkwe ordni mis-Supritendent. **Mingħajr preġudizzju għall-ġeneralità ta' hawn fuq**, din is-sospensjoni għandha tfisser li jekk l-aħħar jum ta' kwalunkwe ħin legali jew ġudizzjarju jew limitu ta' żmien ieħor jiskadi matul iż-żmien meta ordni provduta f'dan ir-regolament tkun fis-seħħ, iż-żmien għall-preżentata għandu jiġi sospiż sa sebat (7) ijiem wara l-jum meta s-Supritendent tirrevoka-ordni għall-għeluq ta' kwalunkwe qorti permezz ta' avviż fil-Gazzetta.*

Illi fir-rigward tal-**A.L. 65 tal-2020 (Ordni tal-2020 dwar l-Għeluq tal-Qrati tal-Ġustizzja)** l-art. 3 provda ghall-gheluq tal-Qrati Taghna mid-data hemmhekk indikata u cioe`:

> *3.Is-Suprintendent b'dan tordna l-għeluq tal-Qrati tal-Ġustizzja u tar-reġistru b'effett mis-16 ta' Marzu, 2020, liema ordni għandha tibqa' fis-seħħ sakemm tiġi revokata mis-Suprintendent.*

Illi fir-rigward tal-**A.L. 230 tal-2020(Ordni tal-2020 li jħassar l-Ordni dwar l-Għeluq tal-Qrati tal-Ġustizzja)** gie pruvdut fir-rigward tal-AL 65 tal-2020 is-segwenti:

> *2. L-ordni tal-2020 dwar l-Għeluq tal-Qrati tal-Ġustizzja huwa b'dan l-ordni imħassar b'effett mill-5 ta' Ġunju 2020, mingħajr preġudizzju għall-validità ta' kull ħaġa magħmula jew li tħalliet barra milli ssir fuq il-bażi ta' dak l-ordni u soġġetta għad-dispożizzjonijiet ta' dan l-ordni.*
>
> *3.Is-sospensjoni tal-limiti ta' żmien kif kienet fis-seħħ qabel id-dħul fis-seħħ ta' dan l-ordni għall-preżentazzjoni ta' atti quddiem qorti wara l-konklużjoni ta' kwalunkwe proċeduri quddiem kwalunkwe tribunal, bord, kummissjoni, kumitat jew entità oħra li ma joperax mill-bini tal-Qrati tal-Ġustizzja għandha tibqa' fis-seħħ għalgħoxrin (20) jum mid-dħul fis-seħħ ta' dan l-ordni.*
>
> *4.Is-sospensjoni tal-limiti ta' żmien kif kienet fis-seħħ qabel id-dħul fis-seħħ ta' dan l-Ordni għall-preżentazzjoni ta' atti quddiem qorti jew tribunal, bord, kummissjoni, kumitat jew entità oħra li topera mill-bini tal-Qrati tal-Ġustizzja għandha tibqa' fis-seħħ għal perjoduta' sebat (7) ijiem mid-dħul fis-seħħ ta' dan l-ordni.*

Illi fir-rigward tas-sospensjoni tal-preskrizzjoni l-art. 2126 tal-**Kodici Civili** jipprovdi testwalment li:

> *Il-preskrizzjoni mibdija u sospiża, tissokta timxi minnufih li tispiċċa r-raġuni tas-sospensjoni tagħha*

Illi mis-surreferit jirrizulta allura li kwalunkwe preskrizzjoni giet sospiza fis-16 ta' Marzu, 2020 u kwindi ssoktat timxi fit-12 ta' Gunju, 2020 (ossija sebat ijiem wara l-5 ta' Gunju, 2020). Dan ifisser illi kull terminu, inkluza il-preskrizzjoni odjerna applikabbli giet sospiza ghal total ta' 89 jum.

Hekk fil-fatt jidher li gew interpretati id-disposizzjonijiet surreferiti, kemm fl-ambitu kriminali:

> *Illi jekk r-reat tal-imputat sar fl-ghoxrin (20) jum ta' Ottubru tas-sena elfejn u tmintax (2018), u jekk skond l-artikolu 688 tal-Kodici Kriminali Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, dan ir-reat ghandu perjodu ta' preskrizzjoni ta' sentejn, u peress li dan it-terminu gie sospiz permezz tal-avvizi legali numri 61 u 65 tal-2020, liem sospenzjoni damet ghall zmien ta' tliett xhur sakemm dahal fis-sehh l-avviz legali 230 tal-2020 fil-hamsa (05) ta' Gunju 2020, u ghaldaqstant it-terminu ta' preskrizzjoni ghal dan ir-reat mexa ilquddiem bi tliett xhur mill-ghoxrin (20) jum t' Ottubru 2020, ghal-ghoxrin (20) jum ta' Jannar 2021;* (Qorti tal-Appell Kriminali Onor. Imhallef Consuelo Scerri Herrera, LL.D., Dip Matr., (Can) Appell Nru: 29/ 2021 **Il-Pulizija Vs Francis Briffa** deciza fit-18 ta' Mejju, 2021)

Kif ukoll fl-ambitu civili:

> *Is-sospensjoni tat-termini skont l-Avviż Legali 65 tal-2020 beda b'effett mis-16 ta' Marzu 2020, tlett ijiem wara li beda jiddekkorri l-perjodu t'għoxrin jum sabiex tiġi intavolata risposta. Din is-sospensjoni ġiet elevata fil-5 ta' Ġunju 2020 iżda l-perjodu baqa' sospiż sat-12 a' Ġunju 2020. B'dan ifisser li mit-13 ta' Ġunju 2020, it-terminu sabiex is-soċjetà konvenuta tippreżenta rrisposta kompla jiddekkorri minn fejn kien ġie sospiż. Peress li kienu*

*għaddew jumejn biss qabel is-sospensjoni, is-soċjetà konvenuta kien fadlilha tmintax-il ġurnata oħra u ċioe sat-30 ta' Ġunju 2020 sabiex tippreżenta r-risposta ġuramentata tagħha.* (QORTI ĊIVILI PRIM'AWLA 25 TA' FRAR, 2021 Kawza Numru: 11 Rik. Gur. 1014/2019 **Christine Cefai vs. J.B. Property Limited)**

Illi fil-kaz odjern huwa car li l-incident *de quo* sehh fis-7 ta' Settembru, 2018 u kwindi, a tenur tal-art. 2153 tal-Kodici Civili l-azzjoni kienet taqa' preskritta fis-7 ta' Settembru, 2020. Huwa minnu li din l-ahhar data sehhet wara li l-Qrati kienu regghu fetthu, madanakollu huwa car mid-dicitura uzata mill-Avvizi Legali surreferiti li l-intenzjoni tal-Legislatur kienet proprju dik li jipprovdi ghas-sospensjoni tat-termini kollha, inkluzi dawk preskrittivi, bl-effetti diga`previsti mill-art. 2126 tal-istess Kodici Civili kif hawn fuq citat. Dan kollu jfisser allura li l-azzjoni odjerna kienet tigi preskritta 89 jiem wara s-7 ta' Settembru, 2020. Jirrizulta fil-fatt li l-azzjoni odjerna giet intavolata fit-30 ta' Novembru, 2020 u kwindi 85 jum wara s-7 ta' Settembru, 2020. Dan ifisser allura li l-azzjoni odjerna, tenut kont tas-sospensjoni prevista mill-Avvizi Legali surreferiti, ma tistax tigi ritenuta preskritta.

Ghaldaqstant it-Tribunal qieghed, ghar-ragunijiet hawn fuq moghtija, jichad l-eccezzjoni preliminari tal-preskrizzjoni kif sollevata mill-Kunsill Lokali intimat bl-ispejjez relattivi ghal tali eccezzjoni jigu sofferti mill-istess Kunsill Lokali intimat u kwindi jordna l-prosegwiment tal-kawza.

**Avukat Dr. Philip M. Magri LL.D. M.A. (Fin. Serv.) M.Phil.**

**Gudikatur**